MALTA

# QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)
# BĦALA QORTI TA' ĠUDIKATURA KRIMINALI

## MAĠISTRAT DR.
## ANTONIO MIZZI

Seduta tat-13 ta' April, 2005

Numru 1068/2004

Il-Pulizija
(Sp Josric Mifsud)
vs
Charles Borg, iben Lawrence,
imwieled Birkirkara fit-8 ta’ jannar,
1958

Il-Qorti,

Rat l-akkuża kontra l-imputat talli f’dawn il-Gżejjer, fil-lejl ta’ bejn it-28 u id-29 ta’ settembru, 2004 ġewwa City Gate, Floriana u matul l-aħħar erba’ xhur qabel din id-data – bla ordni skond il-liġi ta’ l-awtorita’ kompetenti, u barra mill-każijiet li fihom il-liġi tagħti s-setgħa lill-privat li jarresta lill-ħati, arresta, zamm jew issekwestra lil Elvik Ciantar kontra l-volonta’ tiegħu u\jew ta l-post biex fih din il-persuna ġiet arrestata, miżmuma jew issekwestrata.

Rat il-verbal tas-seduta tal-10 ta' diċembru, 2004 fejn l-imputat wieġeb li hu ħati tal-akkuża miġjuiba kontra tiegħu.

Rat in-nota tal-Avukat Ġenerali eżebita fis-seduta tas-7 ta' jannar, 2005 fejn ta
l-kunsens tiegħu biex dan il-każ jiġi trattat bi proċedura sommarja.

Rat il-verbal tas-seduta tat-13 ta' april, 2005 fejn l-imputat reġa tenna li hu ħati
tal-akkuża miġjuba kontra tiegħu.

Semgħet il-provi.

Semgħet lill-avukat ta' l-imputat u lill-prosekuzzjoni dwar il-piena.

Għaldaqstant, issib lill-imputat ħati tal-akkuża miġjuba kontra tiegħu. Rat l-artikolu 86 tal-Kodiċi Kriminali. Ma tikkundannahx għal piena karċerarja iżda tilliberah taħt il-provvedimentri tal-artikolu 7(1) tal-Kapitolu 446 tal-liġijiet ta' Malta bil-kondizzjoni li ma jagħmilx reat ieħor fi żmien tlett snin mil-lum u għal l-istess tul ta' żmien tqiegħed lill-imputat taħt Probation Officer li jiġi assenjat lilu.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------